MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2007

Appell Civili Numru. 22/2006

**Eric Pisani**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fil-31 ta’ Lulju, 2006, l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

**“**L-Arbitru,

Ra d-decizjoni appellata.

Ra l-ittra tal-appell

Ra r-Risposta tad-Direttur.

Sema’ t-trattazzjoni tal-appell,

Ikkunsidra:

Illi l-appellant kien benficcjarju tal-Ghajnuna Socjali ghad-Dizimpjieg sas-17 ta’ Frar 2006 izda f’din id-data l-imsemmija assistenza giet lilu mwaqqfa bhala konsegwenza tar-rizultanzi ta’ rapport rilaxxjat minn ufficjali tad-Direttorat tal-Frodi u Nvestigazzjonijiet.

L-Arbitru ezaminat bir-reqqa l-Investigation Report (Dok. GC1) prezentat minn wiehed mill-ispetturi li hejjih u jidrilha li mill-kontenut tal-imsemmi rapport jirrizulta ampjament pruvat li l-appellant fil-fatt ma kienx qed jabita fl-indirizz minnu ndikat bhala r-residenza tieghu. Minn dan ir-rapport fil-fatt irrizulta li saru diversi spezzjonijiet fl-indirizz indikat mill-appellant bhala r-residenza tieghu izda huwa qatt ma nstab hemm. Irrizulta wkoll li fl-okkazzjoni fejn huwa ltaqa' mal-ispetturi u akompanjhom fl-appartament f’Bugibba/Qawra, ma kien hemm xejn li seta' jindika li l-appellant fil-fatt jirrisjedi f’dak l-indirizz.

L-appellant ma ressaq ebda prova konvincenti sabiex jikkontradici l-kontenut tar-rapport tal-ispetturi tad-Direttorat tal-Frodi u Nvestigazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata konfermata.”

Eric Pisani appella minn din id-decizjoni bil-premessa illi ma ngiebet ebda prova cara illi huwa ma kienx qieghed jirrisjedi regolarment fil-fond fejn saret l-ispezzjoni mill-Ispetturi investigattivi. Huwa jikkontendi, inoltre, illi offra spjegazzjoni plawsibbli ta’ dak kollu li rrizulta minn din l-istess spezzjoni; *inter alia*, li f’ dak il-perijodu kien indispost u kien ghalhekk li mar joqghod fil-fond tal-genituri tieghu;

Mill-atti jirrizulta illi l-appellanti twaqqfitlu l-ghajnuna socjali ghad-Dizimpjieg ghaliex id-Direttur ma kienx sodisfatt illi dan kien qed jabita fil-fond minnu indikat. Bazikament, id-decizjoni tad-Direttur tinsab imsejsa fuq dawn it-tliet elementi:

(i) Saru diversi tentattivi ta' spezzjonijiet li ma taw ebda rizultat ghaliex l-access ghal fond ma giex provvdut;

(ii) Mill-unika ispezzjoni li effettivament sehhet ma kien hemm xejn x' jindika li l-appellanti kien qed jirrisjedi fil-fond. F' dan il-kuntest gie rilevat mill-Ispetturi dipartimentali illi la kien hemm hwejjeg u lanqas ikel fil-*fridge*, ghajr ghal kaxxa butir. Ara xhieda ta' Joe Chircop u ta' Geoge Cremona;

(iii) L-appellanti ma gab ebda prova konvincenti ghas-sodisfazzjoni tad-Direttur biex jinnewtralizza l-fatti accertati mill-Ispetturi;

Dan premess, din il-Qorti tibda biex tosserva illi ghall-argomenti kontenuti fir-rikors ta' l-appell u sottomessi fid-dibattitu orali jirrispondu sew il-konsiderazzjonijiet zvolti fis-sentenza ta' l-Arbitru. Kieku tabilhaqq kien hemm provi serji da parti ta' l-appellant li b' xi mod kienu juru li hu iddizimpenja l-oneru nkombenti fuqu, din il-Qorti ma kien ikollha ebda ezitazzjoni li tallontana ruhha mill-konkluzjoni tad-decizjoni appellata. Jirrizultalha, invece, fl-istat tar-rizultanzi istruttorji tal-kaz illi l-Arbitru sew evalwat il-provi, u l-konkluzjoni taghha hi sorretta minn motivazzjoni adegwata. Anzi, biex jinghad kollox, din il-Qorti ssib li ma jezisti ebda margini ta' dubbju li jillegittima *per se* l-akkoljiment ta' l-aggravju devolut lilha, b' applikazzjoni ta' dik ir-regola tan-nuqqas jew difett tal-prova;

Fil-verita`, din il-Qorti hi tal-fehma li ma jezisti ebda vizzju logiku fil-konkluzjoni tar-rapport ta' l-Ispetturi li seta' kellu reperkussjoni fuq is-sentenza, li accettata b' mod akritiku. Dik l-Ispezzjoni kienet certament intiza biex tippermetti lid-Direttur li jkollu gharfien tal-qaghda. Dan, lokgikament,

mhux ghal xi skop merament esplorativ imma, fl-essenzjalita`, ghall-accertament rilevanti tal-fatti u ta’ dik il-verifika ghal liema l-istess ispezzjoni kienet indirrizzata;

Ma ghandux ikun dubitat illi l-valutazzjoni ta’ dik l-istess verifika u tal-fatti accertati tirrientra fl-attribut prudenzjali rizervat mil-ligi ta’ l-Arbitru. Hekk din setghet tiddizattendi certi provi, taccetta ohrajn, u tqis dawk il-provi li jidhrilha l-aktar idoneji biex issostni d-decizjoni. Fil-kumpless, din il-valutazzjoni giet sew kondotta u din il-Qorti ma ssibx li kellha tigi iccensurata;

Huwa intwittiv minn ezami tar-rizultanzi investigattivi mill-Ispetturi illi dawn ma kienux jiddenotaw abitazzjoni fil-fond spezzjonat. Ma kien hemm xejn x’ jindika li l-appellanti organizza hajtu f’ dan il-fond. Is-sottomissjoni li hu mar jghix fil-post tal-genituri ghax kien ma jiflahx mhix kredibbli meta apprezzata fl-ambitu ta’ dik id-dikjarazzjoni mistqarra tieghu li hu fil-ghaxijiet jinzel jiekol ghand ommu ghaliex jiddejjaq isajjar wahdu. Ghal din il-Qorti jkollu jinghad illi l-indagini li saret mill-Ispetturi tirraggungi grad accettabbli ta’ certezza relattiva fuq l-ezistenza tal-presuppost ta’ fatt illi l-appellanti ma kienx effettivament qed jirrisjedi fil-fond indikat minnu ghal skop ta’ ghajnuna socjali.

Ghal motivi kollha dedotti l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata, ikkonfermata, spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------